MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 633/2001/1

**Electronic Products Limited**

**V.**

**Emmanuel Micallef u martu Josephine Micallef u Saviour Micallef u martu Gemma Micallef u Supermaster Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta April, 2001 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-

konvenuti kienu nkarigaw lis-socjeta` attrici sabiex din ta' l-ahhar tikkonsenja *hardware* ta' computers kif ukoll tesegwixxi xogholijiet ta' maintenance fuq l-istess *computer hardware;* illi l-konvenuti ghad ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici bilanc fir-rigward ta' konsenja ta' *computer hardware* u fir-rigward ta' *maintenance* tal-istess *computer hardware;* illi l-ammont pagabbli lis-socjeta` attrici mill-konvenuti huwa ta' erbat elef mitejn u erbgha u hamsin liri maltin u tmien centezimi (LM4254.08) u dana skond statement anness u markat Dok EPL1; illi minkejja interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;
2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef mitejn u erbgha u hamsin liri Maltin u tmien centezimi (LM4254.08), kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes, inkluzi l-mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'digriet tal-4 ta' Mejju, 2001 il-konvenuti personalment inghataw il-fakolta` jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop u ghan-notifika tas-socjeta` konvenuta. B'nota ppresentata fl-10 ta' Mejju, 2001 il-konvenuti personalment eccepew:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-konvenuti odjerni fil-kapacita` personali taghhom qatt ma kellhom relazzjoni guridika mal-atturi u ghalhekk it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost Josephine Micallef u Gemma Micallef ma jafux b'dan id-dejn u ghalhekk ma ghandux jigi kolpit il-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Is-socjeta` Supermaster Limited debitament notifikata bl-att tac-citazzjoni fl-10 ta' Mejju, 2001 f'idejn il-likwidatur Mr. Paul Mercieca ma ppresentata ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li laqghat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Micallef u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes ghall-atturi, laqghat it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` Supermaster Limited bl-ispejjes ghas-socjeta` konvenuta u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"*Kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti jirrizulta, anke mill-provi prodotti mill-atturi, li l-atturi qatt ma ddiljaw man-nisa Micallef. Inoltre fil-kaz in ezami kieku stess kien japplika l-artikolu 1324 tal-Kap 16 billi dan kien kaz ta' atti normali ta' gestjoni ta' kummerc u negozju fejn in-nisa ma dahlux.*

"*Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni jirrizulta mill-provi li l-ordnijiet minghand l-atturi kienu saru mill-kumpanija Supermaster Limited u l-pagamenti dejjem saru minn Supermaster Limited (ara xhieda Tonio Hili u E. Micallef). Meta xhed C. Galea hu qal li kienu jissupplixxu lil Supermaster Discount Store u li kien jiddilja mal-ahwa Micallef. Hu pero` qal ukoll li hu kien jircievi li statements u remittance advises u cheques minghand Supermaster Limited izda ma kienx joqghod jaghti kaz jekk kinitx Limited jew le. L-interess tieghu kien li jithallas u mhux li jiccekkja humiex Limited.*

"*Biex persuna li qeghdha tikkontratta ma torbotx lilha nnfisha, jkun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeda tikkontratta ghal haddiehor jew ghaliha personalment. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jkun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment jaf illi dik il-persuna qeda tikkontratta b'dak il-mod." (Ara sentenza Kumm JDC Zammit vs Rev.N. Okereke 13/7/91).*

"*Fil-kaz in ezami kien evidenti li l-ordnijiet li kienu qed jaghmlulhom il-konvenuti ghall-kumpanija SuperMaster Limited u mhux ghalihom personali, u l-atturi kellhom indikazzjonijiet cari li dan kien hekk.*

"*Rigward id-dokumenti esibiti mill-atturi bl-intestatura li huma ghamlu fuq Supermaster Discount Store, imkien ma jissemma li n-negozju kien sar mal-konvenuti personalment.*

"*Ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti Micallef personalment ma tistax tigi milqugha.*

"*Kwantu ghall-ammont mitlub mill-atturi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta dana ma giex kontestat u ghalhekk hu dovut.*"

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikorsipprezentat fid-29 ta' Ottubru, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet migjuba fl-istess rikors, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2001 fil-konfront tas-SuperMaster Limited mentri fl-istess waqt tirrevoka l-istess sentenza fir-rigward tal-ahwa Micallef personalment u tiddikjara li l-ammont mitlub mill-istess socjeta` huwa dovut anke mill-istess ahwa Micallef fil-kwalita` personali taghhom.

Minn qari tar-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici jidher li din is-socjeta` resqet aggravju wiehed fir-rigward tas-sentenza appellata billi, fi kliem l-istess rikorrenti "*l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx il-piz li kellu jinghata lil diversi fatti li jirrizultaw minn ezami tal-process ta' din il-kawza.*" Il-qofol ta' dan l-aggravju jidher li hu li, skond is-socjeta` appellanti, d-dokumenti ezebiti juru li t-trattativi dejjem saru mas-Supermaster Discount Store u mhux mas-socjeta` konvenuta u li konsegwentement il-konvenuti personalment kellhom jirrispondu ghad-dejn reklamat billi dan in-negozju ma ghandux personalita` guridika.

Huwa fatt kurjuz kif meta gew intavolati dawn il-proceduri li jikkoncernaw kreditu wiehed, il-konvenuti indikati mis-socjeta` attrici kienu l-ahwa Micallef (u n-nisa taghhom) fil-kapcita` taghhom personali, minn naha l-wahda u s-socjeta` Supermaster Limited minn naha l-ohra. Dan juri incertezza da parti tal-istess socjeta` attrici dwar min kien il-veru debitur taghha. Din l-inkonsistenza mhux ammissibbli billi zewg persuni ma jistghux jigu kundannati jhallsu l-istess debitu sakemm ma jkunx hemm solidarjeta`. Din l-inkonsistenza giet ravvizata mill-ewwel qorti li effettivament illiberat lill-konvenuti Micallef personalment u kkunadannat lis-socjeta` konvenuta. B'dan l-appell is-socjeta` attrici appellanti qed terga tipprova taghmel l-istess haga billi filwaqt li talbet konferma tas-sentenza in kwantu din ikkundannat lis-socjeta` Supermaster Limited thallas l-ammont indikat fic-citazzjoni, qed jintalab ukoll li l-konvenuti Micallef personalment jigu kundannati jhallsu l-istess ammont. Jekk dan l-appell kellu jirnexxi s-socjeta` attrici tkun f'posizzjoni anormali, anzi posizzjoni invidjabbli, li jkollha titolu ezekuttiv ghall-istess ammont kontra zewg persuni kompletament differenti u distinti.

Dan premess jidher li anke fil-mertu l-appell tas-socjeta` attrici mhux gustifikat. Infatti jirrizulta car li sa mil-bidu nett ir-relazzjonijiet tas-socjeta` attrici kienu mas-socjeta` Supermaster Limited kif jixhed l-Hire Purchase Agreement Application Form datat 28 ta' Settembru, 1995 (fol. 55) billi f'dik l-okkazzjoni il-ftehim rigwardanti l-bejgh ta' "*one complete Omron Point of Sale System*" kien gie iffirmat minn Charles Galea ghas-socjeta` attrici u minn Tonio Hili u Emmanuel Micallef ghan-nom u in rappresentanza ta' Supermaster Limited.

Ma ingibitx prova li l-kreditu reklamat kellu xi element ta' "whole sale" fejn is-socjeta` attrici kienet tforni lill-klient taghha (hu min hu) b'merkanzija ghall-bejgh lill-terzi persuni. Anzi ghal kuntrarju jidher mill-invoices presentati, li l-kreditu reklamat kien jikkoncerna bejgh "retail" ta' xi effetti mehtiega ghall-funzjonament tal-apparat u sistema li kienet inbieghet lis-socjeta` konvenuta tramite l-"hire purchase agreement." Infatti ezami tad-dokument EM1 a

fol 48 jikkonferma dan il-hsieb tal-Qorti billi wkoll jidher li l-bilanc reklamat huwa dovut ghall-“maintenance” ta’ l-appart elettroniku u “equipment” relatat, li s-socjeta` attrici kienet tissuplixxi lis-socjeta` Supermaster Limited bhala konsegwenza tal-bejgh tal-apparat effettwat bil-Hire Purchase Agreement fuq imsemmi. Dan jirrizulta car minn dak li xhed Tonio Hili fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju, 2001 (fol 74) meta qal hekk: “*Il-kumpanija kienet tordna l-affarijiet illi dana ovvjament ghandhom x’jaqsmu ma’ sistema tal-computers illi kellna qed tahdem hemmhekk, kemm f’dak li huwa fuq cash points u anke f’dawk li huma l-back office u anke xi stationery li ghandhom x’jaqsmu mal-computer bhala printer roads u dawn l-affarijiet li kollha kienu relatati ghall-uzu tal-kumpanija*.”

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-imsemmija socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------